Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B **REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/394**

tal-11 ta' Novembru 2016

li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni dwar il-formoli u l-proċeduri għall-awtorizzazzjoni, ir-rieżami u l-evalwazzjoni tad-depożitorji ċentrali tat-titoli, għall-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-Istat Membru tad-domiċilju u tal-Istat Membru ospitanti, għall-konsultazzjoni tal-awtoritajiet involuti fl-awtorizzazzjoni biex jiġu pprovduti servizzi anċillari ta' tip bankarju, għal aċċess li jinvolvu depożitorji ċentrali tat-titoli, u fir-rigward tal-format tar-rekords li għandhom jinżammu mid-depożitarji tat-titoli ċentrali skont ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(ĠU L 65, 10.3.2017, p. 145)

Ikkoreġut minn:

►C1 Emendi, Ġ.U. L 73, 18.3.2017, p. 38 (2017/394)

▼B

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/394

tal-11 ta' Novembru 2016

li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni dwar il-formoli u l-proċeduri għall-awtorizzazzjoni, ir-rieżami u l-evalwazzjoni tad-depożitorji ċentrali tat-titoli, għall-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-Istat Membru tad-domiċilju u tal-Istat Membru ospitanti, għall-konsultazzjoni tal-awtoritajiet involuti fl-awtorizzazzjoni biex jiġu pprovduti servizzi anċillari ta' tip bankarju, għal aċċess li jinvolvu depożitorji ċentrali tat-titoli, u fir-rigward tal-format tar-rekords li għandhom jinżammu mid-depożitarji tat-titoli ċentrali skont ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

KAPITOLU I

AWTORIZZAZZJONI TA' CSD

(l-Artikolu 17(10) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014)

Artikolu 1

Formoli u proċeduri standard għall-applikazzjoni

1. Depożitorju ċentrali tat-titoli li japplika għal awtorizzazzjoni skont l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 ("is-CSD applikant") għandu jissottometti l-applikazzjoni tiegħu fuq mezz durabbli kif definit fil-punt (g) tal-Artikolu 1 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/392 ([1]), billi jimla l-formoli u l-mudelli standard stabbiliti fl-Anness I.

2. Is-CSD applikant għandu jipprovdi lill-awtorità kompetenti lista tad-dokumenti kollha sottomessi bħala parti mill-applikazzjoni tiegħu għal awtorizzazzjoni li tidentifika l-informazzjoni li ġejja:

(a) in-numru ta' referenza uniku ta' kull dokument;

(b) it-titolu ta' kull dokument;

(c) il-kapitolu, it-taqsima jew il-paġna ta' kull dokument fejn tinsab l-informazzjoni rilevanti.

3. L-informazzjoni kollha għandha tiġi sottomessa fil-lingwa indikata mill-awtorità kompetenti. L-awtorità kompetenti tista' titlob lis-CSD biex jippreżenta l-istess informazzjoni f'lingwa li hi komuni fid-dinja tal-finanzi internazzjonali.

4. CSD applikant li jkollu xi waħda mir-relazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 17(6) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 għandu jipprovdi lill-awtorità kompetenti b'lista ta' awtoritajiet kompetenti li għandhom jiġu kkonsultati, inklużi l-persuni ta' kuntatt f'dawk l-awtoritajiet.

([1]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/392 tal-11 ta' Novembru 2016 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji dwar ir-rekwiżiti ta' awtorizzazzjoni, superviżorji u operazzjonali għal depożitarji ċentrali tat-titoli (ara paġna 48 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

▼B

KAPITOLU II

RIEŻAMI U EVALWAZZJONI

(l-Artikolu 22(11) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014)

Artikolu 2

Formoli u mudelli standard biex tingħata l-informazzjoni

1. Is-CSD għandu jipprovdi l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 40 tar-Regolament Delegat (UE) 2017/392 fuq mezz durabbli.

2. L-informazzjoni pprovduta minn CSD għandha tiġi ppreżentata fil-formoli standard ipprovduti fl-Anness II u fejn rilevanti fil-formola tat-Tabella 2 fl-Anness I. Meta tintuża l-formola li tidher fit-Tabella 2 tal-Anness I, għandu jkollha kolonna addizzjonali li tispeċifika l-kapitolu, it-taqsima jew il-paġna tad-dokument fejn ikunu ddaħħlu bidliet matul il-perjodu ta' rieżami u kolonna addizzjonali oħra biex jiġu jinklużi xi spjegazzjonijiet fir-rigward tal-bidliet li jkunu saru matul il-perjodu ta' rieżami.

Artikolu 3

Proċedura biex tingħata l-informazzjoni

1. L-awtorità kompetenti għandha tikkomunika lis-CSD l-informazzjoni li ġejja:

(a) il-frekwenza u l-profondità tar-rieżami u l-evalwazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 22(4) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014;

(b) id-dati tal-bidu u tat-tmiem tal-perjodu ta' rieżami msemmi fl-Artikolu 40 tar-Regolament Delegat (UE) 2017/392.

(c) il-lingwa li biha għandha tiġi sottomessal-informazzjoni kollha. L-awtorità kompetenti tista' titlob lis-CSD biex jippreżenta l-istess informazzjoni f'lingwa li hi komuni fid-dinja tal-finanzi internazzjonali.

L-awtorità kompetenti għandha tikkomunika lis-CSD kwalunkwe bidla fl-informazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, inkluż it-talba għal sottomissjoni aktar frekwenti ta' informazzjoni speċifika, mingħajr dewmien żejjed.

2. Is-CSD għandu jipprovdi l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 40(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2017/392 fi żmien xahrejn mit-tmiem tal-perjodu ta' rieżami.

Artikolu 4

Għoti ta' informazzjoni lill-awtoritajiet imsemmija fl-Artikolu 22(7) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014]

1. Meta jitlestew ir-rieżami u l-evalwazzjoni, l-awtorità kompetenti għandha tikkomunika, fi żmien tlett ijiem tax-xogħol, lill-awtoritajiet imsemmija fl-Artikolu 22(7) tar-Regolament Nru (UE) Nru 909/2014 ir-riżultati tagħha kif speċifikat fl-Artikolu 44 tar-Regolament Delegat (UE) 2017/392.

2. Meta r-rieżami u l-evalwazzjoni jagħtu lok għal azzjoni ta' rimedju jew penali, l-awtorità kompetenti għandha tgħarraf lill-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafu 1 fi żmien tlett ijiem tax-xogħol wara li tkun ittieħdet dik il-miżura.

▼B

3. L-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jaqblu dwar il-lingwa operazzjonali għall-iskambju tal-informazzjoni u, fejn ma jintlaħaqx ftehim, il-lingwa operazzjonali għandha tkun lingwa li normalment tintuża fid-dinja tal-finanzi internazzjonali.

Artikolu 5

L-iskambju tal-informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti

1. Qabel kull rieżami u evalwazzjoni, fis-superviżjoni ta' CSD li jkollu r-relazzjonijiet imsemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 17(6) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, l-awtorità kompetenti għandha taġġorna l-lista msemmija fl-Artikolu 1(4) ta' dan ir-Regolament dwar l-awtoritajiet kompetenti l-oħra li jridu jiġu involuti fir-rieżami u fl-evalwazzjoni, inklużi l-persuni ta' kuntatt f'dawk l-awtoritajiet, u għandha tikkondividi din il-lista ma' dawk l-awtoritajiet kollha.

2. L-awtorità kompetenti għandha tipprovdi l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 45(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2017/392 lill-awtoritajiet kompetenti inklużi fil-lista msemmija fil-paragrafu 1 fi żmien 30 ġurnata tax-xogħol mid-data li fiha ssir disponibbli dik l-informazzjoni.

3. Fi żmien 30 jum ta' xogħol mill-iskadenza msemmija fil-paragrafu 2, l-awtoritajiet kompetenti inklużi fil-lista msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jibagħtu l-valutazzjoni tagħhom dwar dan lill-awtorità kompetenti li tkun ipprovdiet l-informazzjoni.

4. Fi żmien tliet ijiem minn meta jitlestew ir-rieżami u l-evalwazzjoni msemmija fl-Artikolu 22(1) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, kif notifikata mill-awtorità kompetenti lill-awtoritajiet kompetenti fil-lista msemmija fil-paragrafu 1, l-awtorità kompetenti għandha tikkomunika lill-awtoritajiet kompetenti fil-lista msemmija fil-paragrafu 1 ir-riżultati tagħha kif speċifikat fl-Artikolu 45(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2017/392.

5. L-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafi 1 sa 4 għandhom jaqblu dwar il-lingwa operazzjonali għall-iskambju tal-informazzjoni u, fejn ma jintlaħaqx ftehim, il-lingwa operazzjonali għandha tkun lingwa li normalment tintuża fid-dinja tal-finanzi internazzjonali.

KAPITOLU III

ARRANĠAMENTI TAL-KOOPERAZZJONI

(l-Artikolu 24(8) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014)

Artikolu 6

Ir-rekwiżiti ġenerali għall-arranġamenti tal-kooperazzjoni

1. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju u l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti għandhom jaqblu dwar il-lingwa operazzjonali tal-attivitajiet ta' kooperazzjoni tagħhom u, fejn ma jintlaħaqx ftehim, il-lingwa operazzjonali għandha tkun lingwa li normalment tintuża fid-dinja tal-finanzi internazzjonali.

2. Kull awtorità kompetenti għandha taħtar u taqsam mal-awtoritajiet kompetenti l-oħra d-dettalji ta' persuna ta' kuntatt primarja u oħra sekondarja u kwalunkwe bidla fihom.

▼B

Artikolu 7

Is-superviżjoni ta' fergħa

1. Meta CSD awtorizzat fi Stat Membru jkun waqqaf fergħa fi Stat Membru ieħor, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju u l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti għandhom jużaw il-formoli li jidhru fit-Tabella 1 tal-Anness III għall-iskambju tal-informazzjoni.

2. Meta awtorità kompetenti titlob informazzjoni addizzjonali minn awtorità kompetenti oħra, hija għandha tindika lill-awtorità kompetenti l-oħra l-attivitajiet tas-CSD li jiġġustifikaw din it-talba.

Artikolu 8

Spezzjonijiet fuq il-post fil-fergħa

1. Qabel ma jwettqu l-ispezzjonijiet fuq il-post imsemmija fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju u tal-Istat Membru ospitanti għandhom jilħqu fehim komuni dwar it-termini u l-ambitu tal-ispezzjoni fuq il-post, inklużi dwar dan:

(a) ir-rwoli u r-responsabbiltajiet rispettivi;

(b) ir-raġunijiet għal spezzjoni fuq il-post.

2. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju u tal-Istat Membru ospitanti għandhom jgħarrfu lil xulxin bi spezzjoni fuq il-post tal-fergħa ta' CSD fi Stat Membru ospitanti skont il-paragrafu 1 billi jużaw il-formola li tidher fit-Tabella 2 tal-Anness III.

Artikolu 9

Skambju ta' informazzjoni dwar l-attivitajiet tas-CSD fl-Istat Membru ospitanti

1. It-talba għal informazzjoni li tissemma' fl-Artikolu 24(3) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 għandha tiġi indirizzata permezz ta' ittra jew posta elettronika lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju u għandha tinkludi spjegazzjoni dwar ir-rilevanza ta' din l-informazzjoni għall-attivitajiet ta' dak is-CSD fl-Istat Membru ospitanti.

2. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju għandha, mingħajr dewmien bla bżonn, tikkomunika l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 24(3) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 permezz ta' ittra jew tal-posta elettronika bl-użu tal-formola fit-Tabella 3 tal-Anness III.

Artikolu 10

Ksur tal-obbligi min-naħa ta' CSD

1. Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 24(5) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti għandha tirreferi s-sejbiet tagħha dwar ksur minn CSD lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju u lill-ESMA permezz tal-formola li tidher fit-Tabella 4 tal-Anness III.

2. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju għandha tirrieżamina s-sejbiet ippreżentati mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti u għandha tinforma lill-awtorità bil-miżuri li bi ħsiebha tieħu biex tindirizza l-ksur identifikat.

▼B

3. Meta l-kwistjoni tkun riferuta lill-ESMA skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 24(5) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, l-awtorità kompetenti li tagħmel ir-riferment għandha tipprovdi lill-ESMA bl-informazzjoni rilevanti kollha.

KAPITOLU IV

ŻAMMA TAR-REKORDS

(l-Artikolu 29(4) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014)

Artikolu 11

Formati tar-rekords

1. CSD għandu jżomm ir-rekords imsemmija fl-Artikolu 54 tar-Regolament Delegat (UE) 2017/392, għat-tranżazzjonijiet kollha, l-istruzzjonijiet tas-saldu u l-ordnijiet dwar ir-restrizzjonijiet tas-saldu li jipproċessa, fil-format stipulat fit-Tabella 1 fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament.

2. CSD għandu jżomm ir-rekords imsemmija fl-Artikolu 55 tar-Regolament Delegat (UE) 2017/392, għall-pożizzjonijiet korrispondenti għall-kontijiet tat-titoli kollha li iżomm, fil-format stipulat fit-Tabella 2 fl-Anness IV.

3. CSD għandu jżomm ir-rekords imsemmija fl-Artikolu 56(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2017/392, għas-servizzi anċillari li jipprovdi, fil-format stipulat fit-Tabella 3 fl-Anness IV.

4. CSD għandu jżomm ir-rekords imsemmija fl-Artikolu 57 tar-Regolament Delegat (UE) 2017/392, għall-attivitajiet marbuta man-negozju u l-organizzazzjoni interna tiegħu, fil-format stipulat fit-Tabella 4 fl-Anness IV.

5. Għall-għanijiet ta' rappurtar lill-awtoritajiet, CSD għandu juża identifikatur tal-entità ġuridika (LEI) biex fir-rekords tiegħu jidentifika:

(a) CSD;

(b) il-parteċipanti f'CSD;

(c) banek tas-saldu;

(d) emittenti li għalihom is-CSD jipprovdi s-servizzi ewlenin imsemmija fil-punt 1 jew 2 tat-Taqsima A tal-Anness tar-Regolament (UE) Nru 909/2014.

6. CSD għandu juża identifikatur tal-entità ġuridika (LEI) jew il-kodiċi ta' identifikazzjoni tal-bank (BIC), jew forma ta' identifikazzjoni oħra disponibbli għal persuni ġuridiċi biex fir-rekords tiegħu jidentifika l-klijenti tal-parteċipanti, meta dawn ikun magħrufa mis-CSD.

7. CSD jista' juża kwalunkwe identifikatur li jippermetti l-identifikazzjoni unika ta' persuni fiżiċi fil-livell nazzjonali, biex jidentifika fir-rekords tiegħu l-klijenti tal-parteċipant magħrufa mis-CSD.

8. CSD għandu juża fir-reġistri li jżomm il-kodiċi ISO msemmija fl-Anness IV.

9. CSD jista' juża format proprjetarju biss jekk dan il-format ikun jista' jiġi konvertit mingħajr dewmien żejjed f'format miftuħ ibbażata

▼B

fuq proċeduri u standards ta' komunikazzjoni internazzjonali u miftuħa biex jintbagħtu l-messaġġi u d-dejta ta' referenza biex ir-rekords tiegħu jsiru disponibbli għall-awtoritajiet skont l-Artikolu 29(2) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014.

10. Fuq talba CSD għandu jipprovdi lill-awtorità kompetenti bl-informazzjoni msemmija fl-Artikoli 54 u 55 tar-Regolament Delegat (UE) 2017/392 permezz ta' bgħit dirett ta' dejta. CSD għandu jkollu biżżejjed żmien biex jimplimenta l-miżuri meħtieġa biex jirrispondi għal din it-talba.

KAPITOLU V

AĊĊESS

(L-Artikoli 33(6), 49(6), 52(4) u 53(5) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014)

Artikolu 12

Formoli u mudelli standard għall-paroċedura tal-aċċess

1. CSD li jagħmel it-talba u kwalunkwe parti oħra li tkun qed tagħmel talba għandhom jużaw il-formola provduta fit-Tabella 1 tal-Anness V ta' dan ir-Regolament meta jissottomettu talba għal aċċess skont l-Artikolu 52(1) jew skont l-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014.

2. CSD li jagħmel it-talba u kwalunkwe parti oħra li tkun qed tagħmel talba għandhom jużaw il-formola provduta fit-Tabella 2 tal-Anness V ta' dan ir-Regolament meta jagħtu aċċess wara talba għall-aċċess skont l-Artikolu 52(1) jew skont l-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014.

3. CSD għandu juża l-formola li tidher fit-Tabella 3 tal-Anness V ta' dan ir-Regolament meta jiċħad l-aċċess skont l-Artikolu 33(3), 49(4), 52(2) jew 53(3) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014.

4. CSD jew ċentru tan-negozjar għandhom jużaw il-formola li tidher fit-Tabella 4 tal-Anness V ta' dan ir-Regolament meta jiċħdu l-aċċess skont l-Artikolu 53(3) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014.

5. Parti li tagħmel talba għandha tuża l-formola li tidher fit-Tabella 5 tal-Anness V ta' dan ir-Regolament meta tissottometti lment lill-awtorità kompetenti tas-CSD li jkun ċaħad l-aċċess skont l-Artikolu 33(3), 49(4), 52(2) jew 53(3) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014.

6. CSD għandu juża l-formola li tidher fit-Tabella 6 tal-Anness V ta' dan ir-Regolament meta jissottometti lment lill-awtorità kompetenti tas-CCP li tkun ċaħdet l-aċċess għas-CCP jew għaċ-ċentru tan-negozjar skont l-Artikolu 53(3) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014.

7. L-awtoritajiet kompetenti msemmija fil-paragrafi 5 u 6 għandhom jużaw il-formola fit-Tabella 7 tal-Anness V meta jikkonsultaw lill-awtoritajiet li ġejjin dwar il-valutazzjoni tagħhom tal-ilment, kif xieraq:

(a) l-awtorità kompetenti tal-post tal-istabbiliment tal-parteċipant li jagħmel it-talba f'konformità mar-raba' subparagrafu tal-Artikolu 33(3) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014;

(b) l-awtorità kompetenti tal-post tal-istabbiliment tal-emittent li jagħmel it-talba f'konformità mar-raba' subparagrafu tal-Artikolu 49(4) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014;

▼B

(c) l-awtorità kompetenti tas-CSD li jagħmel it-talba u l-awtorità rilevanti tas-CSD li jagħmel it-talba msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 12(1) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 f'konformità mal-ħames subparagrafu tal-Artikolu 52(2) ta' dak ir-Regolament;

(d) l-awtorità kompetenti tas-CCP li jagħmel it-talba jew taċ-ċentru tannegozjar f'konformità mar-raba' subparagrafu tal-Artikolu 53(3) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014.

L-awtoritajiet imsemmija fil-punti (a) sa (d) għandhom jużaw il-formola fit-Tabella 8 tal-Anness V meta jwieġbu għall-konsultazzjoni msemmija f'dan il-paragrafu.

8. L-awtoritajiet imsemmija fil-punti (a) sa (d) tal-paragrafu 7 għandhom jużaw il-formola li tidher fit-Tabella 8 tal-Anness V ta' dan ir-Regolament jekk xi waħda minnhom tiddeċiedi li tirreferi l-kwistjoni lill-ESMA skont ir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 33(3), ir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 49(4), il-ħames subparagrafu tal-Artikolu 52(2) jew ir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 53(3) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014.

9. L-awtoritajiet kompetenti msemmija fil-paragrafi 5 u 6 għandhom jipprovdu lill-parti li tagħmel it-talba bi tweġiba rağunata fil-format stipulat fit-Tabella 9 tal-Anness V.

10. L-awtoritajiet imsemmijin fil-paragrafi 7 u 8, u l-ESMA għallfinijiet tal-paragrafu 9, għandhom jaqblu dwar lingwa operazzjonali għall-komunikazzjoni msemmija fil-paragrafi 7, 8, u 9. Meta ma jkunx hemm ftehim, il-lingwa operazzjonali għandha tkun lingwa li normalment tintuża fid-dinja tal-finanzi internazzjonali.

KAPITOLU VI

PROĊEDURA GĦAL AWTORIZZAZZJONI BIEX JIĠU PPROVDUTI SERVIZZI ANĊILLARI TAT-TIP BANKARJU U DISPOŻIZZJONI FINALI

Artikolu 13

Lista ta' awtoritajiet

Malli tiġi riċevuta applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, l-awtorità kompetenti għandha tidentifika l-awtoritajiet imsemmija fl-Artikolu 55(4) ta' dak ir-Regolament u tħejji lista tagħhom.

Artikolu 14

Trażmissjoni ta' informazzjoni u talba għal opinjoni motivata

1. L-awtorità kompetenti għandha tibgħat talba għall-opinjoni motivata msemmija fl-Artikolu 55(5) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 lill-awtoritajiet imsemmija fil-punti (a) sa (e) tal-Artikolu 55(4) ta' dak ir-Regolament billi tintuża l-formula fit-Taqsima 1 tal-Anness VI ta' dan ir-Regolament.

2. Għal kull trasmissjoni msemmija fl-Artikolu 55(4) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 u għal kull talba msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, kull awtorità msemmija fil-punti (a) sa (e) tal-Artikolu 55(4) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 għandha, malli tirċievi l-informazzjoni rispettiva, tikkonferma dan mill-ewwel permezz ta' ittra elettronika lill-awtorità kompetenti.

▼B

3. Jekk il-konferma tar-riċevuta ma tasalx skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, l-awtorità kompetenti għandha hija stess tikkuntattja lill-awtoritajiet imsemmija fil-punti (a) sa (e) tal-Artikolu 55(4) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, sabiex tiżgura li dawn tal-aħħar ikunu rċievew l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 15

Opinjoni motivata u deċiżjoni motivata

1. L-awtoritajiet imsemmija fil-punti (a) sa (e) tal-Artikolu 55(4) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 għandhom jagħtu l-opinjoni motivata lill-awtorità kompetenti billi jużaw il-formola li tidher fit-Taqsima 2 tal-Anness VI ta' dan ir-Regolament.

2. Meta tal-anqas waħda mill-awtoritajiet imsemmija fil-punti (a) sa (e) tal-Artikolu 55(4) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 toħroġ opinjoni motivata negattiva u l-awtorità kompetenti li tkun tixtieq tagħti l-awtorizzazzjoni tipprovdi lil dawn l-awtoritajiet b'deċiżjoni motivata msemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 55(5) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, l-awtorità kompetenti għandha tuża l-formola li tidher fit-Taqsima 3 tal-Anness VI ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 16

Awtorizzazzjoni irrispettivament minn opinjoni negattiva motivata

1. Meta kwalunkwe awtorità msemmija fil-punti (a) sa (e) tal-Artikolu 55(4) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 tiddeċiedi li tirreferi għand l-ESMA id-deċiżjoni motivata tal-awtorità kompetenti li tkun tixtieq tagħti l-awtorizzazzjoni skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 55(5) tar-Regolament, l-awtorità li tirreferi għandha tuża l-formola li tidher fit-Taqsima 4 tal-Anness VI ta' dan ir-Regolament.

2. L-awtorità li tirreferi għandha tipprovdi lill-ESMA bl-informazzjoni kollha pprovduta mill-awtorità kompetenti f'konformità mal-Artikolu 55(4) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, l-opinjonijiet motivati mogħtija mill-awtoritajiet f'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 55(5) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 u d-deċiżjoni motivata maħruġa mill-awtorità kompetenti skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 55(5) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014.

3. L-awtorità li tirreferi għandha tipprovdi, mingħajr dewmien bla bżonn, kopja tal-informazzjoni kollha msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu lill-awtoritajiet imsemmija fil-punti (a) sa (e) tal-Artikolu 55(4) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014.

Artikolu 17

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Artikolu 11(1) għandu japplika mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-atti delegati adottati mill-Kummissjoni skont l-Artikoli 6(5) u 7(15) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, skont liema minn dawn ikun tal-aħħar.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

ANNESS I

Formoli għall-applikazzjoni tas-CSD għal awtorizzazzjoni

(l-Artikolu 17(10) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014)

Tabella 1

Informazzjoni ġenerali

Tip ta' informazzjoni	Format
Id-data tal-applikazzjoni	Id-data skont l-ISO 8601 ►C1 fil-format SSSS-XX-JJ ◄
L-isem korporattiv tas-CSD li qed japplika	Test liberu
L-identifikazzjoni tas-CSD li qed japplika	Il-Kodiċi b'20 karattru alfanumeriku tal-Identifikatur ta' Entità Ġuridika (LEI) skont l-ISO 17442
L-indirizz irreġistrat tas-CSD li qed japplika	Test liberu
Is-sistema/i ta' saldu tat-titoli li s-CSD li qed japplika jopera jew biħsiebu jopera	Test liberu
Id-dettalji ta' kuntatt tal-persuna responsabbli għall-applikazzjoni (l-isem, il-kariga, in-numru tat-telefown, l-indirizz elettroniku)	Test liberu
Id-dettalji ta' kuntatt tal-persuna/i responsabbli għall-kontroll intern u l-funzjoni tal-konformità tas-CSD li qed japplika (l-isem, il-kariga, in-numru tat-telefown, l-indirizz elettroniku)	Test liberu
Il-lista tad-dokumenti kollha pprovduti mis-CSD li qed japplika b'numri ta' referenza uniċi	Test liberu

Tabella 2

Referenzi għad-Dokumenti

L-ambitu tal-informazzjoni li għandha tiġi ppreżentata skont ir-rekwiżit speċifiku tal-att delegat fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw id-dettalji tal-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tas-CSDs adottat skont l-Artikolu 17(9) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014	Numru ta' referenza uniku tad-dokument	Titolu tad-dokument	Kapitolu jew taqsima jew paġna tad-dokument fejn hija pprovduta l-informazzjoni jew raġuni għaliex l-informazzjoni mhix ipprovduta
A. **Informazzjoni ġenerali dwar is-CSD li qed japplika (l-Artikoli 4 — 7 tar-Regolament Delegat (UE) 2017/392)**			
L-identifikazzjoni u l-istatus ġuridiku tas-CSD (l-Artikolu 4 tar-Regolament Delegat (UE) 2017/392)			
Applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni ppreżentata skont l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 għandha tidentifika b'mod ċar l-entità li qed tapplika għall-attivitajiet u s-servizzi li biħsiebha twettaq			
L-isem korporattiv tas-CSD li qed japplika, il-LEI u l-indirizz ġuridiku tiegħu fl-Unjoni			
Il-memorandum u l-artikoli ta' assoċjazzjoni u dokumentazzjoni kostituzzjonali u statutorja oħra			
Silta mir-reġistru kummerċjali jew mir-reġistru tal-qorti relevanti, jew forom oħra ta' evidenza attestata tal-indirizz ġuridiku u tal-attività tan-negozju tas-CSD li qed japplika li għandhom ikunu validi fid-data tal-applikazzjoni			
L-identifikazzjoni tas-sistemi ta' saldu tat-titoli li s-CSD li qed japplika jopera jew biħsiebu jopera			

▼B

L-ambitu tal-informazzjoni li għandha tiġi ppreżentata skont ir-rekwiżit speċifiku tal-att delegat fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw id-dettalji tal-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tas-CSDs adottat skont l-Artikolu 17(9) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014	Numru ta' referenza uniku tad-dokument	Titolu tad-dokument	Kapitolu jew taqsima jew paġna tad-dokument fejn hija pprovduta l-informazzjoni jew raġuni għaliex l-informazzjoni mhix ipprovduta
Kopja tad-deċiżjoni tal-korp maniġerjali dwar l-applikazzjoni u l-minuti tal-laqgħa li fiha l-korp maniġerjali approva l-fajl tal-applikazzjoni u l-preżentazzjoni tiegħu			
Id-dettalji ta' kuntatt tal-persuna responsabbli għall-applikazzjoni			
Tabella li turi r-rabtiet ta' sjieda bejn l-impriża prinċipali, is-sussidjarji u kwalunkwe entità jew fergħa assoċjata oħra; l-entitajiet li jidhru fit-tabella għandhom jiġu identifikati bl-isem tal-kumpanija sħiħ, l-istatus ġuridiku, l-indirizz legali, u n-numri tat-taxxa jew in-numri tar-reġistrazzjoni tal-kumpanija tagħhom			
Deskrizzjoni tal-attivitajiet kummerċjali tas-sussidjarji tas-CSD li qed japplika u ta' persuni ġuridiċi oħrajn li fihom is-CSD li qed japplika għandu parteċipazzjoni, inkluża informazzjoni dwar il-livell ta' parteċipazzjoni			
Lista li fiha: (i) l-isem ta' kull persuna jew entità li, b'mod dirett jew indirett, għandhom 5 % jew aktar tal-kapital jew tad-drittijiet tal-vot tas-CSD li qed japplika; (ii) l-isem ta' kull persuna jew entità li tista' teżerċita influwenza sinifikanti fuq il-ġestjoni tas-CSD li qed japplika minħabba l-parteċipazzjoni tagħha fil-kapital tas-CSD li qed japplika			
Lista li fiha: (i) l-isem ta' kull entità li fiha s-CSD li qed japplika jipparteċipa b'5 % jew aktar mill-kapital jew mid-drittijiet tal-vot tal-entità; (ii) l-isem ta' kull entità li s-CSD li qed japplika jeżerċita influwenza sinifikanti fuq il-ġestjoni tagħha, minħabba l-parteċipazzjoni tas-CSD li qed japplika fil-kapital tal-entità			
Lista ta' servizzi ewlenin elenkati fit-Taqsima A tal-Anness tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 li s-CSD li qed japplika jipprovdi jew biħsiebu jipprovdi			
Lista ta' servizzi anċillari elenkati b'mod espliċitu fit-Taqsima B tal-Anness tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 li s-CSD li qed japplika jipprovdi jew biħsiebu jipprovdi			
►C1 Lista ta' kwalunkwe servizz anċillari ieħor permess skont it-Taqsima B, iżda mhux espliċitament elenkat fiha, tal-Anness tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, li l-applikant CSD qed jipprovdi jew biħsiebu jipprovdi ◄			
Lista ta' servizzi u attivitajiet ta' investiment soġġetti għad-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2] li mhumiex elenkati b'mod espliċitu fit-Taqsima B tal-Anness tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 li s-CSD li qed japplika jipprovdi jew biħsiebu jipprovdi			

▼B

L-ambitu tal-informazzjoni li għandha tiġi ppreżentata skont ir-rekwiżit speċifiku tal-att delegat fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw id-dettalji tal-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tas-CSDs adottat skont l-Artikolu 17(9) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014	Numru ta' referenza uniku tad-dokument	Titolu tad-dokument	Kapitolu jew taqsima jew paġna tad-dokument fejn hija pprovduta l-informazzjoni jew raġuni għaliex l-informazzjoni mhix ipprovduta
Lista ta' servizzi li s-CSD li qed japplika jesternalizza jew biħsiebu jesternalizza lil parti terza skont l-Artikolu 30 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014			
Il-munita jew il-muniti li s-CSD li qed japplika jipproċessa, jew biħsiebu jipproċessa b'rabta mas-servizzi pprovduti mis-CSD li qed japplika, irrispettivament minn jekk il-flus humiex saldati f'kont f'bank ċentrali, f'kont tas-CSD, jew f'kont ta' istituzzjoni tal-kreditu nominata;			
Informazzjoni dwar kwalunkwe proċediment ġudizzjarju jew ċivili, amministrattiv u ta' arbitraġġ li huwa pendenti jew finali jew dwar kwalunkwe proċediment legali ieħor involut fih is-CSD li qed japplika, u li jista' jikkawżalu kostijiet finanzjarji jew kostijiet oħrajn.			

Meta s-CSD li qed japplika jkun biħsiebu jipprovdi servizzi ewlenin jew jistabbilixxi fergħa skont l-Artikolu 23(2) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, għandha tiġi pprovduta informazzjoni kif ġej:

L-Istat(i) Membru/i li fih(om) is-CSD li qed japplika jkun biħsiebu jopera			
Programm ta' operazzjonijiet li jiddikjara b'mod partikolari s-servizzi li s-CSD li qed japplika jipprovdi jew biħsiebu jipprovdi fl-Istat Membru ospitanti			
Il-munita jew il-muniti li s-CSD li qed japplika jipproċessa jew biħsiebu jipproċessa f'dak l-Istat(i) Membru/i ospitanti			
Meta s-servizzi se jiġu pprovduti permezz ta' fergħa, l-istruttura organizzazzjonali tal-fergħa u l-ismijiet tal-persuni responsabbli għall-ġestjoni tagħha			
Fejn rilevanti, valutazzjoni tal-miżuri li jkun biħsiebu jieħu s-CSD li qed japplika biex jippermetti li l-utenti tiegħu jikkonformaw mal-liġi nazzjonali msemmija fl-Artikolu 49(1) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014			
Fejn rilevanti, deskrizzjoni tas-servizzi jew l-attivitajiet li s-CSD li qed japplika jesternalizza lil parti terza skont l-Artikolu 30 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014			

Politiki u proċeduri għall-konformità regolatorja (l-Artikolu 5 tar-Regolament Delegat (UE) 2017/392)

It-titoli tal-impjieg tal-persuni responsabbli għall-approvazzjoni u l-manutenzjoni tal-politiki u l-proċeduri			
Deskrizzjoni tal-miżuri li jimplimentaw u li jimmonitorjaw il-konformità tal-politiki u l-proċeduri			
Deskrizzjoni tal-proċeduri stabbiliti mis-CSD li qed japplika b'konformità ma' kwalunkwe mekkaniżmu stabbilit skont l-Artikolu 65 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014			

▼B

L-ambitu tal-informazzjoni li għandha tiġi ppreżentata skont ir-rekwiżit speċifiku tal-att delegat fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw id-dettalji tal-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tas-CSDs adottat skont l-Artikolu 17(9) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014	Numru ta' referenza uniku tad-dokument	Titolu tad-dokument	Kapitolu jew taqsima jew paġna tad-dokument fejn hija pprovduta l-informazzjoni jew raġuni għaliex l-informazzjoni mhix ipprovduta
Servizzi u attivitajiet tas-CSD (l-Artikolu 6 tar-Regolament Delegat (UE) 2017/392)			
Deskrizzjonijiet dettaljati tas-servizzi u l-attivitajiet, u tal-proċeduri li għandhom jiġu applikati fil-forniment tas-servizzi u l-attivitajiet mis-CSD li qed japplika:			
Is-servizzi ewlenin speċifikati fit-Taqsima A tal-Anness tar-Regolament (UE) Nru 909/2014			
Is-servizzi anċillari elenkati b'mod espliċitu fit-Taqsima B tal-Anness tar-Regolament (UE) Nru 909/2014			
Kwalunkwe servizz anċillari ieħor permess skont it-Taqsima B tal-Anness tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, iżda mhux elenkat b'mod espliċitu fiha			
Is-servizzi u l-attivitajiet ta' investiment soġġetti għad-Direttiva 2014/65/UE msemmija fil-punt ta' hawn fuq			
Informazzjoni għal gruppi (l-Artikolu 7 tar-Regolament Delegat (UE) 2017/392)			
Il-politiki u l-proċeduri msemmija fl-Artikolu 26(7) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014			
L-informazzjoni dwar il-kompożizzjoni tal-maniġment superjuri, il-korp maniġerjali, u l-istruttura tal-azzjonisti tal-impriża prinċipali jew ta' gruppi ta' impriżi oħrajn			
Is-servizzi, kif ukoll l-individwi ewlenin minbarra l-maniġment superjuri li għandhom karigi li s-CSD li qed japplika jikkondividi ma' impriżi oħrajn fil-grupp			
Meta s-CSD għandu impriża prinċipali, għandha tiġi pprovduta informazzjoni hekk kif ġej:			
L-identifikazzjoni tal-indirizz ġuridiku tal-impriża prinċipali			
Indikazzjoni ta' jekk l-impriża prinċipali hijiex entità li hija awtorizzata jew irreġistrata u soġġetta għal superviżjoni taħt il-liġijiet tal-Unjoni jew ta' pajjiżi terzi			
Fejn rilevanti, kwalunkwe numru ta' reġistrazzjoni rilevanti u l-isem tal-awtorità jew l-awtoritajiet kompetenti għas-superviżjoni tal-impriża prinċipali			
Fejn is-CSD li qed japplika għandu ftehim ma' impriża fil-grupp, li tipprovdi servizzi relatati mas-servizzi pprovduti minn CSD, deskrizzjoni u kopja ta 'dan il-ftehim			

B. **Riżorsi finanzjarji għall-forniment ta' servizzi mis-CSD li qed japplika (l-Artikolu 8 tar-Regolament Delegat (UE) 2017/392)**

Rapporti finanzjarji, pjan ta' direzzjoni tan-negozju u pjan ta' rkupru (l-Artikolu 8 tar-Regolament Delegat (UE) 2017/392)			
►C1 Ir-rapporti finanzjarji inklużi sett sħiħ ta' dikjarazzjonijiet finanzjarji għat-tliet snin preċedenti u r-rapport statutorju tal-awditjar tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali u konsolidati fit-tifsira tad-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), għat-tliet snin preċedenti ◄			

▼B

L-ambitu tal-informazzjoni li għandha tiġi ppreżentata skont ir-rekwiżit speċifiku tal-att delegat fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw id-dettalji tal-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tas-CSDs adottat skont l-Artikolu 17(9) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014	Numru ta' referenza uniku tad-dokument	Titolu tad-dokument	Kapitolu jew taqsima jew paġna tad-dokument fejn hija pprovduta l-informazzjoni jew raġuni għaliex l-informazzjoni mhix ipprovduta
L-isem u n-numru tar-reġistrazzjoni nazzjonali tal-awditur estern			
Pjan ta' direzzjoni tan-negozju, li jinkludi pjan finanzjarju u estimu baġitarju, li jipprevedi xenarji ta' negozji differenti għas-servizzi tas-CSD, fuq perjodu ta' referenza ta' mill-anqas tliet snin			
Kwalunkwe pjan għall-istabbiliment ta' sussidjarji u fergħat u fejn qegħdin			
Deskrizzjoni tal-attivitajiet tan-negozju li s-CSD li qed japplika għandu l-ħsieb li jwettaq, inklużi l-attivitajiet ta' kwalunkwe sussidjarja jew fergħa tas-CSD li qed japplika			

Fejn l-informazzjoni finanzjarja storika msemmija hawn fuq ma tkunx disponibbli, applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni għandu jkun fiha l-informazzjoni li ġejja dwar is-CSD li qed japplika:

Evidenza li turi riżorsi finanzjarji suffiċjenti matul is-sitt xhur wara l-għoti tal-awtorizzazzjoni			
Rapport finanzjarju temporanju meta d-dikjarazzjonijiet finanzjarji jkunu għadhom mhumiex disponibbli għall-perjodu taż-żmien mitlub			
Dikjarazzjoni dwar is-sitwazzjoni finanzjarja tas-CSD li qed japplika, bħal karta tal-bilanċ, dikjarazzjoni tad-dħul, bidliet fl-ekwità u fil-flussi tal-flus u sommarju tal-politiki tal-kontabbiltà u noti ta' spjegazzjoni rilevanti oħra			
Fejn applikabbli, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali awditjati ta' kwalunkwe impriża prinċipali għat-tliet snin finanzjarji ta' qabel id-data tal-applikazzjoni			

Deskrizzjoni ta' pjan ta' rkupru adegwat li jinkludi:

Sommarju li jipprovdi ħarsa ġenerali tal-pjan u l-implimentazzjoni tiegħu			
L-identifikazzjoni tal-operazzjonijiet kritiċi tas-CSD li qed japplika, ix-xenarji ta' stress u l-avvenimenti li jiskattaw l-irkupru, u deskrizzjoni sostantiva tal-għodod ta' rkupru li jridu jintużaw mis-CSD li qed japplika			
L-informazzjoni dwar il-valutazzjoni ta' kwalunkwe impatt tal-pjan ta' rkupru fuq id-diversi partijiet konċernati li x'aktarx se jiġu affettwati mill-implimentazzjoni tiegħu			
Valutazzjoni mis-CSD li qed japplika fir-rigward tal-eżegwibilità legali tal-pjan ta' rkupru, li tikkunsidra kwalunkwe restrizzjoni legali imposta mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, dik nazzjonali u ta' pajjiż terz			

▼B

L-ambitu tal-informazzjoni li għandha tiġi ppreżentata skont ir-rekwiżit speċifiku tal-att delegat fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw id-dettalji tal-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tas-CSDs adottat skont l-Artikolu 17(9) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014	Numru ta' referenza uniku tad-dokument	Titolu tad-dokument	Kapitolu jew taqsima jew paġna tad-dokument fejn hija pprovduta l-informazzjoni jew raġuni għaliex l-informazzjoni mhix ipprovduta
C. **Rekwiżiti organizzattivi (l-Artikoli 9-17 tar-Regolament Delegat (UE) 2017/392)**			
Organigramma (l-Artikolu 9 tar-Regolament Delegat (UE) 2017/392)			
L-identità u l-kompiti tal-persuni responsabbli għall-pożizzjonijiet li ġejjin: (i) il-maniġment superjuri; (ii) il-maniġers responsabbli għar-rwoli operattivi; (iii) il-maniġers responsabbli mill-attivitajiet ta' kwalunkwe fergħa tas-CSD li qed japplika; (iv) rwoli sinifikanti oħrajn fl-operat tas-CSD li qed japplika.			
L-għadd ta' persunal f'kull diviżjoni u f'kull unità operazzjonali			
Politiki u proċeduri relatati mal-persunal (l-Artikolu 10 tar-Regolament Delegat (UE) 2017/392)			
Deskrizzjoni tal-politika ta' rimunerazzjoni, li tinkludi informazzjoni dwar l-elementi fissi u varjabbli tar-rimunerazzjoni tal-maniġment superjuri, tal-membri tal-korp maniġerjali u tal-persunal impjegat fil-funzjonijiet tal-ġestjoni tar-riskju u tal-konformità u tal-kontroll intern, tat-teknoloġija u tal-awditjar intern tas-CSD li qed japplika			
Il-miżuri tas-CSD li qed japplika biex jimmitiga r-riskju ta' dipendenza żejda fuq ir-responsabbiltajiet fdati lil kwalunkwe persuna individwali			
Għodod ta' monitoraġġ għar-riskji u arranġamenti tal-governanza (l-Artikolu 11 tar-Regolament Delegat (UE) 2017/392)			
Deskrizzjoni tal-komponenti tal-arranġamenti ta' governanza tas-CSD li qed japplika			
Il-politiki, il-proċeduri u s-sistemi li jidentifikaw, ikejlu, jimmonitoraw, jiġġestixxu u jirrappurtaw ir-riskji li għalihom jista' jkun espost is-CSD li qed japplika u r-riskji li s-CSD li qed japplika jippreżenta għal kwalunkwe entità oħra;			
Deskrizzjoni tal-kompożizzjoni, tar-rwol u tar-responsabbiltajiet tal-membri tal-korp maniġerjali u tal-maniġment superjuri u ta' kwalunkwe kumitat stabbilit skont ir-Regolament (UE) 2017/392 (Ir-Regolament Delegat dwar ir-Rekwiżiti tas-CSD)			
Deskrizzjoni tal-proċessi li jikkonċernaw l-għażla, il-ħatra, l-evalwazzjoni tal-prestazzjoni u t-tneħħija tal-maniġment superjuri u tal-membri tal-korp maniġerjali			
Deskrizzjoni tal-proċedura użata mis-CSD li qed japplika biex jagħmel disponibbli għall-pubbliku l-arranġamenti ta' governanza tiegħu u r-regoli li jirregolaw l-attività tiegħu			
Meta s-CSD li qed japplika jaderixxi ma' kodiċi ta' kondotta tal-governanza korporattiva rikonoxxut:			
L-identifikazzjoni tal-kodiċi ta' kondotta (kopja tal-kodiċi)			

▼B

L-ambitu tal-informazzjoni li għandha tiġi ppreżentata skont ir-rekwiżit speċifiku tal-att delegat fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw id-dettalji tal-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tas-CSDs adottat skont l-Artikolu 17(9) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014	Numru ta' referenza uniku tad-dokument	Titolu tad-dokument	Kapitolu jew taqsima jew paġna tad-dokument fejn hija pprovduta l-informazzjoni jew raġuni għaliex l-informazzjoni mhix ipprovduta
Spjegazzjoni għal kwalunkwe sitwazzjoni fejn is-CSD li qed japplika jiddevja mill-kodiċi			

Funzjonijiet tal-konformità, kontroll intern u awditjar intern (l-Artikolu 12 tar-Regolament Delegat (UE) 2017/392)

Deskrizzjoni tal-proċeduri għar-rappurtar intern tal-ksur imsemmi fl-Artikolu 26(5) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014			

Informazzjoni dwar il-politiki u l-proċeduri tal-awditjar intern tiegħu inklużi dawn li ġejjin:

Deskrizzjoni tal-għodod ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni għall-adegwatezza u l-effikaċja tas-sistemi tal-kontroll intern tas-CSD li qed japplika			
Deskrizzjoni tal-għodod tal-kontroll u ta' protezzjoni għas-sistemi tal-ipproċessar tal-informazzjoni tas-CSD li qed japplika			
Spjegazzjoni dwar l-iżvilupp u l-applikazzjoni tal-metodoloġija tal-awditjar intern tiegħu			
Pjan ta' ħidma għal tliet snin wara d-data tal-applikazzjoni.			
Deskrizzjoni tar-rwoli u l-kwalifiki ta' kull individwu li huwa responsabbli għall-awditjar intern			

Applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni għandha jkun fiha l-informazzjoni li ġejja dwar il-funzjoni tal-konformità u tal-kontroll intern tas-CSD li qed japplika:

Deskrizzjoni tar-rwoli u l-kwalifiki tal-individwi li huma responsabbli għall-funzjoni tal-konformità u tal-kontroll intern u ta' kwalunkwe membru tal-persunal ieħor involut fil-valutazzjonijiet tal-konformità, inkluża deskrizzjoni tal-mezzi biex tiġi żgurata l-indipendenza tal-funzjoni tal-konformità u tal-kontroll intern mill-bqija tal-unitajiet tan-negozju			
Il-politiki u l-proċeduri tal-funzjoni tal-konformità u tal-kontroll intern inkluża deskrizzjoni tar-rwol tal-konformità tal-korp maniġerjali u tal-maniġment superjuri			
Fejn disponibbli, ir-rapport intern l-aktar riċenti mħejji mill-persuni responsabbli għall-funzjoni tal-konformità u tal-kontroll intern jew minn kwalunkwe persunal ieħor involut fil-valutazzjonijiet tal-konformità fi ħdan is-CSD li qed japplika			

Il-maniġment superjuri, il-korp maniġerjali u l-azzjonisti (l-Artikolu 13 tar-Regolament Delegat (UE) 2017/392)

Għal kull membru tal-maniġment superjuri u membru tal-korp maniġerjali, l-informazzjoni li ġejja:

Kopja tal-*curriculum vitae* li tistabbilixxi l-esperjenza u l-għarfien ta' kull membru			

▼B

L-ambitu tal-informazzjoni li għandha tiġi ppreżentata skont ir-rekwiżit speċifiku tal-att delegat fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw id-dettalji tal-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tas-CSDs adottat skont l-Artikolu 17(9) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014	Numru ta' referenza uniku tad-dokument	Titolu tad-dokument	Kapitolu jew taqsima jew paġna tad-dokument fejn hija pprovduta l-informazzjoni jew raġuni għaliex l-informazzjoni mhix ipprovduta
Id-dettalji dwar kwalunkwe sanzjoni kriminali u amministrattiva imposta fuq membru b'rabta mal-forniment ta' servizzi finanzjarji jew ta' dejta jew b'rabta ma' atti ta' frodi jew miżappropprijazzjoni ta' fondi fil-forma ta' ċertifikat uffiċjali xieraq meta disponibbli fl-Istat Membru rilevanti			
Awtodikjarazzjoni ta' reputazzjoni tajba fir-rigward tal-forniment ta' servizz finanzjarju jew ta' dejta, inklużi d-dikjarazzjonijiet kollha indikati fl-Artikolu 13(1) (c) tar-Regolament Delegat (UE) 2017/392			

▼C1

Informazzjoni dwar il-korp maniġerjali tas-CSD li qed japplika

▼B

Evidenza tal-konformità mal-Artikolu 27(2) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014			
Deskrizzjoni tar-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-korp maniġerjali;			

Informazzjoni dwar l-istruttura tas-sjieda u l-azzjonisti tas-CSD li qed japplika:

Deskrizzjoni tal-istruttura ta' sjieda tas-CSD li qed japplika, inkluża deskrizzjoni tal-identità u d-daqs tal-interessi ta' kwalunkwe entità f'pożizzjoni li teżerċita kontroll fuq l-operat tas-CSD li qed japplika			
Lista tal-azzjonisti u l-persuni li jkunu f'pożizzjoni li jeżerċitaw, b'mod dirett jew indirett, kontroll fuq il-ġestjoni tas-CSD li qed japplika			

Ġestjoni ta' kunflitti ta' interess (l-Artikolu 14 tar-Regolament Delegat (UE) 2017/392)

Il-politiki u l-proċeduri stabbiliti biex jidentifikaw u jimmaniġġjaw kunflitti ta' interess potenzjali mis-CSD li qed japplika:

Deskrizzjoni tal-politiki u l-proċeduri li jikkonċernaw l-identifikazzjoni, il-ġestjoni u d-divulgazzjoni lill-awtorità kompetenti ta' kunflitti ta' interess potenzjali u tal-proċess użat biex jiġi żgurat li l-persunal tas-CSD li qed japplika huwa infurmat b'dawn il-politiki u l-proċeduri			
Deskrizzjoni tal-kontrolli u ta' kwalunkwe miżura oħra stabbiliti biex jiżguraw li qed jiġu ssodisfati r-rekwiżiti msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 14(1) tar-Regolament (UE) 2017/392 [Ir-Regolament Delegat dwar ir-Rekwiżiti tas-CSD] dwar il-ġestjoni ta' kunflitti ta' interess			

▼B

L-ambitu tal-informazzjoni li għandha tiġi ppreżentata skont ir-rekwiżit speċifiku tal-att delegat fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw id-dettalji tal-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tas-CSDs adottat skont l-Artikolu 17(9) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014	Numru ta' referenza uniku tad-dokument	Titolu tad-dokument	Kapitolu jew taqsima jew paġna tad-dokument fejn hija pprovduta l-informazzjoni jew raġuni għaliex l-informazzjoni mhix ipprovduta
Deskrizzjoni ta': (i) ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-persunal ewlieni, b'mod speċjali fejn dawn għandhom ukoll responsabbiltajiet f'entitajiet oħrajn; (ii) l-arranġamenti li jiżguraw li individwi li għandhom kunflitt ta' interess permanenti jiġu esklużi mill-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet u mill-wasla ta' kwalunkwe informazzjoni rilevanti li tikkonċerna l-kwistjonijiet affettwati mill-kunflitt ta' interess permanenti; (iii) reġistru aġġornat tal-kunflitti ta' interess eżistenti fiż-żmien tal-applikazzjoni u deskrizzjoni ta' kif dawn il-kunflitti ta' interess qed jiġu ġestiti.			
Meta CSD li qed japplika jkun parti minn grupp, ir-reġistru msemmi fil-punt (c) (iii) tal-Artikolu 14(1) tar-Regolament (UE) 2017/392 dwar ir-Rekwiżiti tas-CSD] għandu jinkludi deskrizzjoni ta': (a) il-kunflitti ta' interess li jirriżultaw minn impriżi oħrajn fi ħdan il-grupp fir-rigward ta' kwalunkwe servizz ipprovdut mis-CSD li qed japplika; kif ukoll (b) l-arranġamenti stabbiliti għall-ġestjoni ta' dawn il-kunflitti ta' interess.			
Kunfidenzjalità (l-Artikolu 15 tar-Regolament Delegat (UE) 2017/392)			
Il-politiki u l-proċeduri li jipprevjenu l-użu jew id-divulgazzjoni mhux awtorizzati ta' informazzjoni kunfidenzjali kif definit fl-Artikolu 15 tar-Regolament Delegat (UE) 2017/392			
L-informazzjoni li tikkonċerna l-aċċess tal-persunal għal informazzjoni miżmuma mis-CSD li qed japplika:			
Il-proċeduri interni li jikkonċernaw il-permessi ta' aċċess tal-persunal għal informazzjoni li jiżguraw aċċess sikur għad-dejta			
Deskrizzjoni ta' kwalunkwe restrizzjoni fuq l-użu tad-dejta għal raġunijiet ta' kunfidenzjalità			
Kumitat tal-utenti (l-Artikolu 16 tar-Regolament Delegat (UE) 2017/392)			
Dokumenti jew informazzjoni fuq kull kumitat tal-utenti:			
Il-mandat tal-kumitat tal-utenti			
L-arranġamenti ta' governanza tal-kumitat tal-utenti			
Il-proċeduri operazzjonali tal-kumitat tal-utenti			
Il-kriterji ta' ammissjoni u l-mekkaniżmu ta' elezzjoni għall-membri tal-kumitat tal-utenti			
Lista tal-membri proposti tal-kumitat tal-utenti u l-indikazzjoni tal-interessi li jirrappreżentaw			

▼B

L-ambitu tal-informazzjoni li għandha tiġi ppreżentata skont ir-rekwiżit speċifiku tal-att delegat fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw id-dettalji tal-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tas-CSDs adottat skont l-Artikolu 17(9) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014	Numru ta' referenza uniku tad-dokument	Titolu tad-dokument	Kapitolu jew taqsima jew paġna tad-dokument fejn hija pprovduta l-informazzjoni jew raġuni għaliex l-informazzjoni mhix ipprovduta
Żamma ta' rekords (l-Artikolu 17 tar-Regolament Delegat (UE) 2017/392)			
Deskrizzjoni tas-sistemi għaż-żamma tar-rekords, tal-politiki u tal-proċeduri tas-CSD li qed japplika			
L-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 17(2) tar-Regolament (UE) 2017/392 [**Ir-Regolament Delegat** dwar ir-Rekwiżiti tas-CSD] qabel id-data ta' applikazzjoni tal-Artikolu 54 tar-Regolament Delegat (UE) 2017/392			
Analiżi tal-punt sa fejn is-sistemi taż-żamma tar-rekords, tal-politiki u tal-proċeduri eżistenti tas-CSD li qed japplika huma konformi mar-rekwiżiti skont l-Artikolu 54 tar-Regolament (UE) 2017/392 [Ir-Regolament Delegat dwar ir-Rekwiżiti tas-CSD]			
Pjan ta' implimentazzjoni li jispjega kif is-CSD li qed japplika biħsiebu jkun konformi mar-rekwiżiti skont l-Artikolu 54 tar-Regolament (UE) 2017/392 [Ir-Regolament Delegat dwar ir-Rekwiżiti tas-CSD] sad-data mitluba			
D. **Regoli dwar il-kondotta tan-negozju (l-Artikoli 18 — 22 tar-Regolament Delegat (UE) 2017/392**			
Għanijiet u objettivi (l-Artikolu 18 tar-Regolament Delegat (UE) 2017/392)			
Deskrizzjoni tal-għanijiet u l-objettivi tas-CSD li qed japplika.			
Il-ġestjoni tal-ilmenti (l-Artikolu 19 tar-Regolament Delegat (UE) 2017/392)			
Il-proċeduri stabbiliti mis-CSD li qed japplika għall-ġestjoni tal-ilmenti			
Rekwiżiti għall-parteċipazzjoni (l-Artikolu 20 tar-Regolament Delegat (UE) 2017/392)			
L-informazzjoni li tikkonċerna l-parteċipazzjoni fis-sistema/i ta' saldu tat-titoli mħaddma mis-CSD li qed japplika:			
Il-kriterji għall-parteċipazzjoni li jippermettu aċċess ġust u miftuħ għall-persuni ġuridiċi kollha li għandhom il-ħsieb li jsiru parteċipanti fis-sistema/i tas-saldu tat-titoli mħaddma mis-CSD li qed japplika			
Il-proċeduri għall-applikazzjoni ta' miżuri dixxiplinarji kontra l-parteċipanti eżistenti li ma jikkonformawx mal-kriterji għall-parteċipazzjoni			
Trasparenza (l-Artikolu 21 tar-Regolament Delegat (UE) 2017/392)			
L-informazzjoni dwar il-politika tal-ipprezzar tas-CSD li qed japplika, li tinkludi b'mod partikolari l-prezzijiet u t-tariffi għal kull servizz ewlieni pprovdut mis-CSD li qed japplika u kwalunkwe skont u roħs eżistenti, kif ukoll il-kundizzjonijiet għal tnaqqis bħal dan			
Deskrizzjoni tal-metodi użati biex tiġi divulgata l-informazzjoni rilevanti lill-klijenti u lill-klijenti prospettivi skont l-Artikolu 34(1) sa (5) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014			
L-informazzjoni li tippermetti lill-awtorità kompetenti tivvaluta kif is-CSD għandu l-ħsieb jikkonforma mar-rekwiżiti biex jagħti rendikont separat għall-ispejjeż u d-dħul skont l-Artikolu 34(7) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014			

▼B

